Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 383/ 2018

**Il-Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Suzanne A. Mifsud**

Illum is-27 ta' Novembru, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Suzanne A. Mifsud detentrici tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 576763(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Mejju, 2014 għall-ħabta tal-11.15 f'Bormla:

1) Ħebbet għal Edgar Mifsud sabiex tinġurjah, iddejjqu jew tagħmillu l-ħsara;
2) Fi triq jew f'post pubbliku ieħor imbottat lil Edgar Mifsud biex tweġġgħu jew tinsulentah;
3) Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel xi ħaġa kontra l-Liġi iżda biss biex teżerċita dritt jew jedd li tippretendi li għandha ġiegħelet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lil Edgar Mifsud fil-pussess ta' ħwejjġu jew b' xi mod ieħor kontra l-Liġi indaħlet fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor;
4) Ħebbet għal-Edgar Mifsud u kkaġunatlu offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikah Dr Jean Paul Camilleri tal-Paola H.C.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Ottubru, 2018 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 85(1), 214, 339(1)(d)(l) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputata mhux ħatja tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u minnhom illiberatha minn kull ħtija u piena filwaqt li sabitha ħatja tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontrija u wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali tikkundannaha għal multa komplessiva ta' mitejn Euro (€200) u wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tassigura li jigi mhares l-ordni pubbliku nonche s-sigurta` ta' Edgar Mifsud qeghdet lill-hatja taht obbligazzjoni taghha nnfisiha ghal perjodu ta' sena that penali ta' elfejn ewro (€2,000).

Rat ir-rikors tal-appellanti Suzanne A. Mifsud, ppreżentat fis-17 ta' Ottubru, 2018, fejn talbet lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi:-

1. tikkonferma inkwantu sabet lill-appellanti mhux ħatja tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u minnhom illiberatha minn kull ħtija u piena;
2. tirrevokha inkwantu sabet lill-appellanti ħatja tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontriha u wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannata għal multa komplessiva ta' mitejn Euro (€200), u tirrevokha ukoll inkwantu wara illi l-Ewwel Onorabbli Qorti rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tassigura li tiġi mħarsa l-ordni pubbliku nonche s-sigurta' ta' Edgar Mifsud qiegħdet lil appellanti taħt obbligazzjoni tagħha nnifisha għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elfen Euro (€2000); u
3. Minnflokk issib lill-appellanti mhux ħatja tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontriha u tilliberaha minhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebieta mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnha ntentat l-appellanti tishaq illi l-Ewwel Qorti malament tat affidament lil verzjoni ta' zewgha il-parti leza, u ghazlet li tiskarta x-xiehda taghha meta kellu jirrizulta illi kienet hi li sfat vittma ta' agressjoni mir-ragel taghha u mhux *vice-versa.*

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji imqanqla mill-appellanti li jistriehu interament fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi mismugha, l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u dan unikament sabiex tqies jekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kenitx legalment u ragjonevolment siewja. Illi in succint l-Ewwel Qorti kellha quddiemha z-zewg verzjonijiet moghtija mil-ko-litigandi minn fejn jirriżulta illi l-kollutazzjoni li sehhet bejn dawn it-tnejn minn nies kellha bhala sfond taghha disgwid matrimonjali u jirrizulta illi bhal issa hemm istitwiti proceduri ta' separazzjoni bejn dawn il-konjugi. Minhabba f'dan l-atrit inqala' argument nhar it-22 ta' Mejju 2014 għall-ħabta tal-hdax ta' fil-ghodu meta l-appellanti marret l-uffiċju tal-kumpanija gestita minnhom ġewwa Bormla fejn zewgha ordnalha tohrog 'il barra.  Nqala' argument bejniethom fejn l-kwerelant Edgar Mifsud allega illi martu ħebbet għalih b'zarbuna u aggredietu u kkaġunatlu ġrieħi ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika it-tabib Jean Paul Camilleri. Da parti tagħha l-appellanti saħqet illi kien zewgha li aggrediha u anki hi sfat feruta f'dan l-incident u li kien hu li qalalha iz-zarbuna minn saqajha.  Qalet ukoll illi fil-fixkla ħadet it-telefon ta' certu Sarah Bugeja li kienet ir-*receptionist* tal-kumpanija u dan għamlitu peress illi żewġha kien ħadilha l-*mobile* minn idejha meta hi ppruvat iċċempel lill-pulizija għall-assistenza matul l-aggressjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti giet misjuba ħatja tar-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 339(1(d) kif ukoll illi kkaġunat feriti ta' natura ħafifa fil-konfront ta' zewgha il-kwerelant. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra fil-mertu jinghad biss illi *'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux*[1]*.'*

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali kollha u l-provi prodotti voluminuzi u formanti parti mill-istess atti u tqies illi ghalkemm l-appellanti issib oggezzjoni ghal kumment maghmul mill-Ewwel Qorti dwar il-*'kuntest ta' tensjoni u pika li tidher li kienet qed tiddomina l-ħajja tal-imputata u ta' Edgar Mifsud'*, ma jidhirx illi dan il-hsieb kien wisq boghod mir-rejalta li fih qeghdin ighixu din il-koppja, b'incidenti ripetuti jinqalghu sahansitra sa lejliet l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Illi l-Qorti tistqarr illi ssib il-verzjoni tal-appellanti kemmxejn inverosimili meta tallega illi zewgha kien ikun vjolenti maghha ripetutament izda, ghalkemm lejliet kien diga' inqala incident iehor, xortawahda f'dik l-ghodwa hija regghet marret l-ufficcju tal-kumpanija Citypro gewwa Bormla fejn baqghet tinsisti illi s-segretarja Bugeja kellha titkecca u b'hekk timponi r-rieda taghha ghalkemm kienet taf li b'daqshekk kien ser jerga' jinqala' l-inkwiet.

Issa l-appellanti hija mixlija, kif inghad, li hebbet ghal zewgha u kkagunatlu griehi hfief fil-kollutazzjoni li segwiet.

Jibda biex jinghad fil-qasam kontravvenzjonali illi:

> *"ghall-imputabbilita` ta` dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt; hu bizzejjed li l-imputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici.*[2]*"*

[1] Il-Pulizija vs Joseph Thorne deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.
[2] Il-pulizija vs Anthony Mallia App.Inf – 24/02/1960

Dan ghaliex,

> *"il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista' tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib, dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede[3]."*

Illi allura l-element intenzjonali f'dina l-akkuza ta' natura kontravvenzjonali ma hemmx bzonn li jigi ippruvat u cioe' li l-appellanti ghamlet l-azzjoni inkriminatorja b'xi hsieb maghmul, b'xi intenzjoni premeditata. Il-volontarjeta' tal-att innifsu huwa unikament mehtieg u cioe' huwa bizzejjed illi jigi ippruvat li meta l-appellanti hebbet ghal zewgha u ikkagunatlu xi griehi hija ghamlet hekk b'mod volontarju u dan sabiex, kif tirrikjedi il-ligi, idejjqu jew tghamillu l-hsara.

Jidher illi l-incident mertu ta' dawn il-proceduri gie istigat mill-appellanti stess li accediet fl-ufficcji tal-kumpanija, fejn hi ghandha il-kariga ta' direttrici ukoll flimkien ma' zewgha, u dan tal-ahhar sab oggezzjoni ghal presenza taghha fuq il-post u minhabba f'hekk inqala' l-argument bejniethom tant illi jirrizulta illi fil-fatt ittiehdu proceduri kriminali mhux biss kontra l-appellanti izda kontra zewgha ukoll.

Illi huwa ndubita illi f'din il-kollutazzjoni l-kwerelant sofra griehi ta' natura hafifa kif jirrizulta miċ-ċertifikat mediku prodott in atti. Dan huwa ukoll ikkonfermat minn xhieda ohra okulari ghal dan l-incident fosthom Luigi de Bartolomeo li jikkonferma illi kien hemm argument bejn l-appellanti u zewgha u li f'hin minnhom osserva illi l-appellanti kellha iz-zarbun f'idejha. Ġie kkonfermat ukoll illi Edgar Mifsud keċċa lill-appellanti 'il barra mill-uffiċju, izda hi irritalljat u baqghet tinsisti mieghu li kellha dritt tkun prezenti fuq il-post. Illi dan l-agir provokatorju da parti tal-appellanti wassal sabiex l-argument skala għal wieħed fiziku. Illi ghalkemm l-appellanti allura seta' kellha dritt tkun prezenti fil-bini tas-socjeta minnha gestita flimkien ma' zewgha, u ghalkemm ukoll kellha dritt tissorvelja t-tmexxija ta'l-istess,

[3] Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici – Appell Inferjuri 15/02/1958

madanakollu huwa ndubitat illi meta hi accediet fuq il-post, meta kienet ben konsapevoli li zewgha ma ridhiex tkun prezenti hemmhekk, u meta kienet ben konsapevoli tal-argumenti li kienu ghaddejjin bejniethom, kienet qed taghmel dan bl-intenzjoni unika li taqla' l-inkwiet, tenforza r-rieda taghha u tipprovokah ghal glied. B'hekk a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti jidrilha illi l-Ewwel Qorti għamlet osservazzjonijiet korretti dwar il-każ fejn konsegwentement, taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa minnHa u li allura ma jimmeritawx illi jiġu disturbati.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bit-terminu ta' sena imposta bhala garanzija fit-terminu tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-appellanti ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Edwina Grima
Imhallef